# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 169/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
**Joe Mark Mercieca**

Illum 30 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra

***Omissis,***

***Omissis,***

***Omissis,***

***Omissis,***

***Omissis,*** u

**l-appellat Joe Mark Mercieca,** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 14894(M),

akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar l-24 ta' Jannar 2023 u/jew fil-jiem u/jew fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, f'Malta, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

Lil *Omissis, Omissis, Omissis, Omissis* u Joe Mark Mercieca waħedhom talli:

1. f'Malta xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ ċioè sigaretti u/jew prodotti oħra tat-tabakk, misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom, liema prodotti tat-tabakk jiswew iktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37);

Lil *Omissis, Omissis* u *Omissis* waħedhom talli:

2. fil-lejl bejn il-15 u s-16 ta' Ottubru 2022, mill-imħażen ta' Charles Grech & Co. Ltd. fi Triq il-Furnara fiż-Żona Industrijali ta' l-Imrieħel, fil-limiti ta' Birkirkara, ikkommettew serq ta' sigaretti u/jew prodotti oħra tat-tabakk u/jew xi oġġetti oħra, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-ħin, għad-dannu tas-soċjeta' Charles Grech & Co. Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra;

Lil *Omissis, Omissis* u *Omissis* waħedhom talli:

3. sbieħ it-13 ta' Jannar 2023, u/jew fil-jiem ta' qabel, u/jew wara l-istess data, bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq mill-imħażen ta' Charles Grech & Co. Ltd. fi Triq il-Furnara fiż-Żona Industrijali ta' l-Imrieħel, fil-limiti ta' Birkirkara, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, ghad-dannu tas-soċjeta' Charles Grech & Co. Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra;

Lil *Omissis* u *Omissis* waħedhom talli:

4. sbieħ is-17 ta' Jannar 2023, mill-imħażen ta' Charles Grech & Co. Ltd. fi Triq il-Furnara fiż-Żona Industrijali ta' l-Imrieħel, fil-limiti ta' Birkirkara, ikkommettew serq ta' sigaretti u/jew prodotti oħra tat-tabakk u/jew xi oġġetti oħra, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, u bil-valur, li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, għad-dannu tas-soċjeta' Charles Grech & Co. Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra;

Lil *Omissis* waħdu talli:

5. nhar it-22 ta' Jannar 2023 u/jew fil-jiem ta' qabel, mill-akwati Tal-Ħandaq, fil-limiti ta' Ħal-Qormi, ikkommetta serq ta' par tarek tar-reġistrazzjoni DAD 267 minn fuq vettura tal-marka Maruti 800, liema serqa hija aggravata bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u li saret għad-dannu ta' Mark Baldacchino u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra;

6. nhar it-22 ta' Jannar 2023 u/jew fil-jiem ta' qabel, iżda fis-17 ta' Jannar 2023 u/jew wara dik id-data, f'dawn il-Gżejjer, għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni (DAD 267) fuq vettura Ford Transit nru. IBP 075 xort'oħra minn dak mogħti mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari, dan bi ksur ta' Artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

6A. fil-lejl bejn is-16 u s-17 ta' Jannar 2023, minn Triq il-Passju, Birkirkara, ikkommetta serq ta' vann Toyota Liteace, numru tar-reġistrazzjoni EAF 682, liema serqa hija aggravata bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Joseph Buttigieg u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra;

7. nhar it-22 ta' Jannar 2023 u/jew fil-jiem ta' qabel, iżda fis-17 ta' Jannar 2023 u/jew wara dik id-data, f'dawn il-Gżejjer saq vann Ford Transit (nru. IBP 075) u/jew vann Toyota Liteace, numru tar-reġistrazzjoni EAF 682, mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni skont id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza (Art. 3(1)(1A)(2)(2A)(3) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta);

8. nhar it-22 ta' Jannar 2023 u/jew fil-jiem ta' qabel, iżda fis-17 ta' Jannar 2023 u/jew wara dik id-data, f'dawn il-Gżejjer saq vettura bil-mutur, ċioè vann Ford Transit (nru. IBP 075) mingħajr ma kellu liċenza valida (tat-triq) bi ksur ta' Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. nhar it-22 ta' Jannar 2023, u/jew fil-jiem u/jew ġimgħat ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.), datat 9 ta' Frar 2016, li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet,

fosthom: *"4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlusa mill-arrest"*.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għar-reat addebitat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 9 ta' Frar 2016 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi *Omissis* kif ukoll li tordna li s-somma ta' tmint elef Euro (€8,000), bħala garanzija personali li ġiet imposta fuqu sabiex tagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat f'Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.), datat 20 ta' Lulju 2018, li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom: *"4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlusa mill-arrest"*.

    Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għar-reat addebitat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 20 ta' Lulju 2018 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi *Omissis* kif ukoll li tordna li s-somma ta' tlett elef Euro (€3,000), bħala depożitu, ħamest'elef Euro (€5,000) bħala garanzija personali, li ġew imposti fuqu sabiex jagħmlu tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat f'Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Ian Farrugia LL.D.) datat 4 ta' Diċembru 2018, li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom: *"4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlusa mill-arrest"* u *"6. Li tirtira ġewwa d-dar fejn toqgħod*

*mhux iżjed tard mid-9.00p.m. ta' filgħaxija u ma toħroġx minn hemm qabel is-6.00a.m. ta' l-għada filgħodu".*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għar-reat addebitat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 4 ta' Diċembru 2018 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi *Omissi*s kif ukoll li tordna li s-somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti u għaxart'elef Euro (€10,000), bħala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jagħmlu tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat f'Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D.) datat 25 ta' Ottubru 2022, li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, fosthom: *"4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlusa mill-arrest"* u *"6. Li tirtira ġewwa d-dar fejn toqgħod mhux iżjed tard mit-8p.m. ta' filgħaxija u ma toħroġx minn hemm qabel il-5a.m. ta' l-għada filgħodu"*.

    Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għar-reat addebitat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 25 ta' Ottubru 2022 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi *Omissis* kif ukoll li tordna li s-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti u ħmistax-il elf Euro (€15,000), bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jagħmlu tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat f'Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

<u>Lil *Omissis* waħdu akkużat ukoll talli fil-lejl bejn is-16 u s-17 ta' Jannar 2023, u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer</u>:

13. naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.) datat 27 ta' Lulju 2020, li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, fosthom: *"4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlusa mill-arrest"*.

    Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għar-reat addebitat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 27 ta' Lulju 2020 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi *Omissis* kif ukoll li tordna li s-somma ta' elf Euro (€1,000), bħala depożitu u tmint elef Euro (€8,000) garanzija personali, li ġiet imposta fuqu sabiex tagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat f'Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

14. naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Astrid May Grima LL.D.) datat 12 ta' Awwissu 2020, li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, fosthom: *"4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlusa mill-arrest"* u *"6. Li tirtira ġewwa d-dar fejn toqgħod mhux iżjed tard mid-9p.m. ta' filgħaxija u ma toħroġx minn hemm qabel is-7a.m. ta' l-għada filgħodu."*

    Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għar-reat addebitat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 12 ta' Awwissu 2020 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi *Omissis* kif ukoll li tordna li s-somma ta' tmien mitt Euro (€800), bħala depożitu, u għaxart elef Euro (€10,000) bħala garanzija personali, li ġew imposti fuqu sabiex jagħmlu tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat f'Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

15. naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef l-Onor. Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. datat 18 ta' Settembru 2018 kif sussegwentement emendat nhar it-30 ta' Ottubru 2018, li bih huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanziji idonji;

16. naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D.) datat 14 ta' Settembru 2022, li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, fosthom: *"4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlusa mill-arrest"* u *"6. Li tirtira ġewwa d-dar fejn toqgħod mhux iżjed tard mis-7.30p.m. ta' filgħaxija u ma toħroġx minn hemm qabel is-8a.m. ta' l-għada filgħodu."*

    Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għar-reat addebitat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 14 ta' Settembru 2022 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi *Omissis* kif ukoll li tordna li s-somma ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500), bħala depozitu, u ħmistax-il elf Euro (€15,000) bħala garanzija personali, li ġew imposti fuqu sabiex jagħmlu tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat f'Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

<u>Lil Joe Mark Mercieca waħdu talli</u>:

17. fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi, fl-24 ta' Jannar 2023, ġewwa il-ħanut *JoeMark Snack Bar & Take-away* ta' Triq ix-Xgħajra kantuniera ma' Triq il-Kunvent, Żabbar, kif ukoll ġewwa l-vettura tal-għamla Suzuki Swift bin-numru tar-reġistrazzjoni ACT 509, instab li xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll laqa' għandu, żamm jew ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożitu ta' sigaretti kif deskritti hawn taħt. Dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazju u Taxxa li jkun

imiss jitħallas fuqhom, jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti.

Sigaretti li nstabu ġewwa l-ħanut *JoeMark Snack Bar & Take-away*:

- Tlett (3) pakketti b'għoxrin (20) sigarett kull pakkett – *Benson & Hedges Silver*

Sigaretti li nstabu fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ACT 509:

- Pakkett b'għoxrin (20) sigarett – *Benson & Hedges Silver*

Dawn is-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom Valur totali ta' €2.16, Dazju tas-Sisa dovut ta' €13.20, kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T.) li jammonta ghal €2.76, liema Dazju u Taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur tal-Artikoli 60 (1) (b) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), 68 (1) u 69 (1) (2) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta); kif ukoll ta' Artikoli 16 (1) (j) (n), 17 (1) (a) (d) (2) ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta);

<u>Lil *Omissis*, *Omissis* u Joe Mark Mercieca flimkien talli</u>:

18. irrendew irwieħom reċidivi *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u fil-każ ta' *Omissis* biss *ai termini* ta' Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wkoll, b'sentenzi definittivi mogħtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Novembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 60(1)(b)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1) u 69(1)(2) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 16(1)(j)(n) u 17(1)(a)(d)(2) ta' Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 49 u

50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Joe Mark Mercieca ħati ta' imputazzjoni bin-numru sbatax (17) u tmintax (18) miġjuba fil-konfront tiegħu u b'applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberatu bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sentejn (2) minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-imputat Joe Mark Mercieca bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu tal-liberta' kondizzjonata. *Ai termini* ta' Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fid-19 ta' Novembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-4 ta' Novembru 2024 u tiddisponi minn din il-kawża skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-14 ta' Novembru 2024. Għal kull buon fini għandu jingħad li oriġinarjament quddiem l-Ewwel Qorti tressqu taħt arrest sitt persuni (wieħed minnhom l-appellat allura imputat Mercieca) fejn huma ġew akkużati bl-imputazzjonijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza b'dan illi dakinhar li ġew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti tnejn minnhom ammettew l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħhom (*a fol.* 12), sussegwentement ammetta ieħor u fis-27 ta' Ġunju 2024 (*a fol.* 939)

ammetta l-appellat Joe Mark Mercieca fejn dakinhar ġie ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju bejn Mercieca u ż-żewġ persuni l-oħra li kien għad fadal akkużati u eventwalment ingħatat is-sentenza fil-konfront ta' Joe Mark Mercieca minn liema sentenza ġie ppreżentat Rikors tal-appell mill-appellant Avukat Ġenerali li dwaru qed tingħata din is-sentenza.

Illi fl-aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali, l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra r-reat li jemerġi fl-ewwel (1) imputazzjoni li l-appellat allura imputat ġie mixli bih (dak ta' riċettazzjoni *ai termini* ta' Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta). Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tindika l-Artikolu tal-liġi li minnu temerġi din l-imputazzjoni. Jisħaq ukoll li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat Mercieca ħati ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta minkejja li mill-verbal tas-seduta miżmuma fis-27 ta' Ġunju 2024 (*a fol.* 939) jirriżulta li huwa qatt ma ammetta għalihom u li għalhekk il-kumpilazzjoni kellha tissokta fir-rigward tar-reċidiva u dana peress li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issibu ħati fuq reat li ma ammettiex għalih.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għal Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi din il-Qorti tinnota li fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-27 ta' Ġunju 2024 jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti (*a fol.* 939):

> "F'dan l-istadju Joseph Mark Merceca qed jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Illi l-ammissjoni hija għal-akkużi numru wieħed u sbatax addebitati lilu.

> Il-Qorti wara li tat żmien lill-imputat sabiex jaħseb fuq l-ammissjoni tiegħu huwa wieġeb li huwa ħati fir-rigward tal-akkużi numru wieħed u sbatax addebitati lilu." [emfażi miżjuda]

Illi b'hekk jirriżulta li l-appellat Joe Mark Mercieca ma rreġistrax ammissjoni fir-rigward ta' imputazzjoni bin-numru ta' tmintax (18).

Illi, apparti minn dak li ngħad hawn fuq, fis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 955 *et seq.*):

> "Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024 l-imputat Joe Mark Mercieca irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.
>
> […]
>
> Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.
>
> […]
>
> Illi l-imputat reġa' tenna ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammess.
>
> [...]
>
> Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat [wara…] qed issib lill-imputat Joe Mark Mercieca ħati t'akkuża numru sbatax (17) u tmintax (18) miġjuba fil-konfront tiegħu […]." [emfażi miżjuda]

Illi fis-sentenza appellata jirriżulta li hemm kontradizzjoni lampanti u dana peress li għall-ewwel l-Ewwel Qorti tgħid li l-appellat Mercieca ddikjara li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu u mbagħad fid-*decide* tas-sentenza appellata tagħmel riferenza biss għal imputazzjoni bin-numru sbatax (17) u tmintax (18) mingħajr lanqas ma tagħmel riferenza għall-ewwel (1) imputazzjoni li *del resto* l-appellat Mercieca kien akkużat biha wkoll. Għal kull buon fini jingħad li fid-*decide* tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti anqas biss għamlet riferenza għal Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li minnu temerġi l-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;
>
> Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi issemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid

eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).

Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, din il-Qorti tinnota li n-nuqqasijiet tal-Ewwel Qorti hekk kif imniżżla aktar 'il fuq f'din is-sentenza jwassluha sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat u b'hekk l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali qed ikun milqugħ.

Illi filwaqt li s-sentenza appellata hija nulla, kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellat Mercieca tibqa' bla mittiefsa b'dan illi l-appellat għandu jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien fiha immedjatament hekk kif huwa rreġistra l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti u li ssir riferenza għaliha fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024 (*a fol.* 939) b'dan illi l-Ewwel Qorti għandha tistħarreġ jekk l-appellat huwiex qed jammetti wkoll fir-rigward ta' imputazzjoni bin-numru tmintax (18) u dana peress li, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, fil-verbal imsemmi issir riferenza biss għall-imputazzjoni bin-numru wieħed (1) u sbatax (17). Għaldaqstant ikun opportun li l-atti proċesswali jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-proċeduri quddiemha jitmexxew fl-istadju appena msemmi u skont il-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali u konsegwentement qed tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellat jerġa' titpoġġa fil-pożizzjoni li kien fiha immedjatament hekk kif huwa rreġistra l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti u li ssir riferenza għaliha fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024 (*a fol.* 939) b'dan illi l-Ewwel Qorti għandha tistħarreġ jekk l-appellat huwiex qed jammetti wkoll fir-rigward ta' imputazzjoni bin-numru tmintax (18) u b'hekk l-

Ewwel Qorti tkun tista' tipproċedi skont il-liġi skont dak li jirriżultalha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**